**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2018

Rikors Nru : 62/18 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (23.07.2005) (Dok A anness) u miz-zwieg taghhom twieled wild wiehed, K li llum ghandu ghaxar snin;

2. Illi l-partijiet isseparaw nhar is-sittax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (16.12.2013) in atti tan-Nutar Joseph Tabone (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata Dok B);

3. Illi fir-rigward tal-manteniment reciproku, il-partijiet konjugi B kienu rrinunzjaw ghall-istess; filwaqt li l-esponent dejjem ivversa l-manteniment dovut minnu ghall-iben K B b'mod regolari;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha iddikjarat :

Illi hija irceviet kopja tar-rikors numru 62/18AL fejn A B qeighed jitlob lil din il-Qorti sabiex tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet li gie

ccelebrat nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Illi permezz ta' digriet tat-13 ta' Frar, 2018 hija nghatat ghoxrin jum ghar-risposta;

Illi fil-gimgha stess illi l-esponenti rceviet dan ir-rikors, hija kienet diga intavolat talba ghall-medjazzjoni sabiex jigi rivedut il-manteniment u l-ispejjez assocjati ma edukazzjoni u sahha ecc.;

Ghaldaqstant permezz tal-prezenti risposta C B tiddikjara illi hija ma ssib l-ebda oggezzjoni li t-talba ghal divorzju tigi milqugha minn din il-Qorti sakemm ir-rikorrenti jigi ordnat ihallas huwa l-ispejjez ta' din it-talba u dan wara li jintlahaq ftehim dwar manteniment gdid aktar adegwat minn dak miftiehem mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.